*Tmexxija ghall-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv – Artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2018**

**Numru 1**

**Rikors Numru 62/18TA**

**Desmond Mizzi (ID 465463 M)**

**vs**

**Mizzi Group Limited (C-21948)**

## Digriet

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors presentat minn Desmond Mizzi fit-22 ta' Jannar 2018 ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-Risposta tas-Socjeta` intimata Mizzi Group Limited (C-21948) presentata fid-19 ta' Frar 2018;

Rat in-Nota ta' osservazzjonijiet ulterjuri tas-socjetá Konvenuta Mizzi Group Limited;

Rat l-atti kollha tal-Rikors;

Semghet ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta' Gunju 2018, fejn ir-rikors thalla ghallum ghad-digriet fil-miftuh.

**Punti ta' fatti**

Il-fatti li jsawwru din l-azzjoni jistriehu fuq kuntratt ta' rikonoxximent ta' debitu fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat datat 25 ta' Gunju 2008 (a` fol 152). F'dan il-kuntratt is-Socjeta` intimata dehret bhala garanti ta' dejn dovut mis-socjeta` Millennia Limited u flimkien mas-socjeta` msemmija, kkostitwit ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta` bankarja HSBC Bank Malta p.l.c. fis-somma ta' miljun, tlett mija u tlettax -il elf, disgha mija hamsa u sittin euro u tmienja u sittin centezmu (€1,313,965.68) oltre l-imghax legali bir-rata

ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma (ara Dok. DM1 a` fol 154 u 155).

Skont il-kundizzjonijiet espressi f'Dok B li jifforma parti integrali tal-kuntratt ta' rikonoxximent ta' debitu (ara fol 155 tat-tielet paragrafu), id-dejn hemm imsemmi ghalaq fit-30 ta' Gunju 2009 (ara Dok B a` fol 158).

Jirrizulta li in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlò datat 18 ta' Mejju 2010 (a` fol 94), ir-Rikorrent hallas lis-socjeta` bankarja HSBC Bank Malta p.l.c. il-kreditu kollu dovut lilha mis-Socjeta` intimata u s-socjeta` Millennia Limited.  Abbazi ta' dan il-ftehim u ta' dan il-hlas, ir-Rikorrent gie surrogat fid-drittijiet kollha tal-imsemmija socjeta` bankarja fil-konfront tas-socjeta` Millennia Limited u s-Socjeta` intimata bhala garanti ta' l-istess.

Permezz tas-surroga li saret bis-sahha tal-kuntratt su riferit, ir-Rikorrent assuma l-atti tas-subbasta 81/2009/MCH tal-proprjetá immobbli tas-Socjeta` intimata fil-Fgura.  Din is-subbasta giet istitwita mis-socjeta` bankarja HSBC Bank Malta p.l.c. sabiex mir-rikavat tal-bejgh tal-imsemmija proprjetá jigi sodisfatt id-dejn dovut lilha kif kostitwit permezz tal-kuntratt ta' rikonoxximent ta' debitu fuq riferit (ara rikors ghall-Mandat ta' Qbid ta' Hwejjeg Immobbli a` fol 13).

Ir-Rikorrent assuma l-atti tas-subbasta msemmija wara talba ghal daqshekk li giet milqugha minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta permezz

ta’ digriet datat 30 ta’ Lulju 2010 (ara rikors a` fol 45 u digriet a` fol 63). Ir-Rikorrent sussegwentement xtara l-proprjetá msemmija *animo compensandi* ghall-prezz ta’ disa’ mitt elf euro u wiehed (€900,001) (ara fol 71 sa 93).

Il-Qorti tinnota ukoll, li l-kwistjonijiet li gew imqanqla fir-Rikors odjern ma gewx hekk imqanqla fl-Atti tas-subbasta fuq imsemmija.

Ir-Rikorrent interpella lis-Socjeta` intimata ghall-ammont rimanenti naxxenti mill-kuntratt ta’ rikonoxximent ta’ debitu msemmi permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 4410/2017 (a` fol 101) u, wara li baqghet inadempjenti, beda dawn il-proceduri sabiex jesegwixxi t-titolu ezekuttiv naxxenti mill-imsemmi kuntratt ta’ rikonoxximent ta’ debitu, datat 25 ta’ Gunju 2008 fil-konfront tas-Socjeta` intimata.

**<u>Punti ta’ Ligi</u>**

L-azzjoni hija istitwita ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta biex jigi rez ezegwibbli mill-gdid, wara l-gheluq ta’ hames snin, titolu ezekuttiv skont l-artikolu 253(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan it-titolu ezekuttiv jikkonsisti fil-kuntratt ta’ rikonoxximent ta’ debitu fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat datat 25 ta’ Gunju 2008 (a` fol 152) minhabba li sal-lum ghad hemm bilanc dovut lir-rikorrenti mis-Socjeta` intimata, kif

indikat fil-fatti fuq senjalati u kkonfermat fir-Rikors promotur bil-gurament tar-rikorrent stess.

Kif gie diversi drabi stabbilit:

"… … *l-indagini ta' din il-Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta huma limitati kif inhi limitata t-talba tal-bank* [f'dan il-kaz tar-Rikorrent Desmond Mizzi] *ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap. 12. Sahansitra fil-kawza* ***HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et deciza fit-18 ta' April, 2002*** *inghad:*

> *"Illi minn dan jidher li l-uniku ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-gurament ta' l-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifka lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh."*

*Din il-Qorti tqis pero, illi s-smigh ta' rikors simili, ghalkemm mhux obbligatorju,jaghti lil partijiet kollha d-dritt ghal smigh xieraq u biex il-Qorti jkollha quddiemha kull fatt li jistghu jghinuha tasal ghad-decizjoni taghha.*

*Dak li jrid jigi mistharreg u deciz hu biss jekk jezistix titolu ezekuttiv a bazi tal-artikolu 253(b) tal-Kap. 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu ghadux vigenti*

*u li d-debitu jew parti minnu ghadu dovut. Jekk ir-risposta ghal dawn il-kweziti hu fl-affirmattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerga' jigi rez ezekuttiv. Billi jkun skada t-terminu li fih dan it-titolu skond il-ligi seta' jigi ezegwit kontra d-debitu, il-ligi terga' iggedded a bazi tal-artikolu 258 tal-Kap. 12 l-ezegwibilita tat-titolu ezekuttiv.*" (**Bank of Valletta plc vs Multi Investments Limited et, Qorti Civili Prim' Awla, 31 ta' Mejju 2012).**

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Is-Socjeta` intimata laqghet ghal din l-azzjoni billi, ghar-ragunijiet hemm kontenuti fir-risposta u n-nota ta' osservazzjonijiet prezentati minnha, attakkat il-validitá tal-kuntratt datat 18 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu r-Rikorrent gie surrogat fid-drittijiet kollha tas-socjeta` bankarja HSBC Bank Malta p.l.c. fil-konfront tas-socjeta` Millennia Limited u s-Socjeta` intimata bhala garanti ta' l-istess.

Fid-dawl ta' dak insenjat fil-gurisprudenza fuq citata, l-Qorti ssib li l-eccezzjonijiet u l-osservazzjonijiet imqajma mis-Socjeta` intimata inkontestazzjoni ghal validita` tal-kuntratt ta' surroga ma jservux ta' ostakolu ghal din il-procedura, limitata fl-iskop taghha ghal dak indikat fl-artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.  Anzi, tali eccezzjonijiet jesorbitaw ghal kollox minn dak li l-Qorti hija rikjesta tindaga u tezamina ghall-akkoljiment ta' din l-azzjoni u ghalhekk m'ghandhom l-ebda validita` f'dawn il-proceduri.

Tabilhaqq, is-Socjeta` intimata ma tistax tissolleva eccezzjonijiet fil-mertu f'kawza ghall-awtorizzazzjoni ta' ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn il-Qorti hija biss mitluba taccerta li l-att partikolari li qed jintalab l-ezekuzzjoni tieghu wara hames snin, f'dan il-kaz il-kuntratt ta' rikonoxximent ta' debitu, huwa wiehed mit-titoli ezekuttivi indikati fl-Artikolu 253 tal-istess kodici: "*[K]if inghad fid-deċiżjoni* ***Emmanuele Falzon pro et noe vs. Joseph Vella (Q.A., 05.10.1988)****, li kieku l-Qorti kellha taċċetta li l-intimati jitħallew iqajjmu eċċezzjonijiet fil-meritu, tkun qiegħdha tiftaħ il-bieb għall-abbużi fis-sens li l-intimati jingħataw l-opportunità li jtawwlu l-proċeduri kontrihom*" (**HSBC Bank Malta p.l.c. vs Phone Direct Limited et, Qorti Civili Prim' Awla, 14 ta' Dicembru 2017).**

Is-Socjeta` intimata provat ukoll tqajjem dubbju fuq kemm il-kuntratt ta' rikonoxximent ta' debitu datat 25 ta' Gunju 2008 jistax jitqies bhala titolu ezekuttiv ghall-fini tal-artikolu 253(b) tal-Kapitolu 12 billi holqot incertezza rigward jekk id-dejn stabbilit fl-istess "huwiex wiehed li ghalaq u jekk ghalaq meta" (ara punt numru 10 tan-nota ta' osservazzjonijiet a` fol 141).

Mil-fatti fuq stabbiliti izda, johrog car mill-kuntratt ta' rikonoxximent ta' debitu datat 25 ta' Gunju 2008, li s-Socjeta` intimata, bhala garanti tas-socjeta` Millennia, ikkostitwiet lilha innifisha bhala debitrici flimkien mal-istess socjeta` ghal somma hemm indikata liema somma hija certa u likwida u

ghalqet fit-30 ta' Gunju 2009 hekk kif jirrizulta mill-kundizzjonijiet espressi f'Dok B li jifforma parti ntegrali tal-kuntratt ta' rikonoxximent ta' debitu (ara l-ewwel tlett paragrafi a` fol 155 u Dok B a` fol 158).

Dan ifisser li t-titolu mertu tar-Rikors li ghandha quddiemha din il-Qorti huwa wiehed li jaqa' taht l-artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn dak konfermat bil-gurament mill-istess Rikorrent, l-istess titolu huwa wiehed ezekuttiv, ghadu vigenti u hemm bilanc dovut.

B'dan kollu il-Qorti ticcara, li l-bilanc imsemmi fil-premessi tar-rikors tar-Rikorrent u konfermat minnu bil-gurament ma hux qed jigi konfermat min din il-Qorti bhala dovut attwalment. Kif inghad mill-**Qorti Civili Prim' Awla fis-Sentenza Bank of Valletta plc vs Multi Investments Limited et** gia citata supra, "*Hu biss il-kuntratt innifsu u l-fatt li hemm bilanc pendenti li qed jintalab jigi prorogat bhala titolu ezekuttiv kapaci li jista' jigi ezegwit jekk l-elementi legali ghall-ezekuzzjoni jissussistu. Il-Qorti ghalhekk hawn ukoll mhix qed tikkonferma l-bilanc msemmi fir-rikors tal-bank bhala dak realment dovut, ghax dak semmai jista' jigi dibattut f'sede ohra fi proceduri ohra, izda biss li t-titolu ezekuttiv ghadu jezisti u qed jigi mgedded kif trid il-ligi biex potenzjalment jista' jigi ezegwit.*"

Ma hemm xejn xi jzomm lis-Socjeta` intimata, milli bi proceduri separati, tattakka kemm l-ammont jew aspetti legali ohra tat-titolu.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li regghet rat l-artikoli tal-ligi fuq imsemmija qeghdha taqta' u tiddeciedi r-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa'** t-talba tar-Rikorrent ai termini tal-artikolu 258 (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u  tawtorizzah jghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv naxxenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 25 ta' Gunju 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat (a` fol 152).

Bl-ispejjes kontra s-Socjeta` intimata.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**